

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Dokument ta' sessjoni*

1.10.2008

B6-0531/2008

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Helmuth Markov, Jens Holm, Vittorio Agnoletto, Pedro Guerreiro u  
Jacky Hénin

f'isem il-Grupp GUE/NGL

dwar is-sospensjoni tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp tad-WTO

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sospensjoni tal-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp tad-WTO**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Doha tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tal-14 ta' Novembru 2001,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu rigward l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp (DDA),
  - wara li kkunsidra d-Dokument Finali tas-Sessjoni Annwali 2008 tal-Konferenza Parlamentari dwar id-WTO, adottat b'kunsens fit-12 ta' Settembru 2008 f'Ġinevra,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-taħditiet Ministerjali tad-WTO li saru f'Lulju 2008 f'leżjoni minħabba d-differenzi bejn l-UE u l-USA, fuq naħa, u l-pajjiżi li qed jiżviluppaw ewlenin fuq in-naħa l-oħra, dwar il-kwistjoni fundamentali ta' mekkaniżmu speċjali ta' salvagwardja (SSM) biex iħares il-bdiewa u jiżgura s-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u naqsu wkoll milli jilħqu konklużjonijiet dwar kwistjonijiet mhux solvuti ewlenin oħra bħall-kaxxa l-ħadra, l-armonizzazzjoni tat-tariffi, is-sussidji għall-qoton, l-erożjoni tal-preferenzi, l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-introduzzjoni ta' regoli ġodda rigward l-iżvelar tal-orijini, il-kunsens minn qabel u l-qsim ta' benefiċċji fid-drittijiet ta' proprjetà intellettuali,
- B. billi dan il-falliment il-ġdid tad-WTO, wara 7 snin ta' negozjati, huwa dovut għall-fatt li n-negozjati, għalkemm deskritti bħala 'Rawnd għall-Iżvilupp', iffukaw prinċipalment fuq iktar liberalizzazzjoni, deregolamentazzjoni u aċċess għas-swieq għall-korporazzjonijiet, waqt li negozjati multilaterali huma meħtieġa biex jirregolaw u jibnu l-kummerċ ġust sabiex jindirizzaw problemi ta' faqar, epidemiji, qgħad, qirda tal-ambjent u kwistjonijiet oħra li issa qegħdin jorġu b'mod iktar ċar bħall-bidla fil-klima, il-kriżi tal-ikel u l-kriżi finanzjarja,
- C. billi l-konċentrazzjoni fuq l-aċċess għas-swieq, id-deregolamentazzjoni u l-liberalizzazzjoni wasslet għall-impass fin-negozjati multilaterali u l-iżvilupp ta' ftehimiet bilaterali, u l-Ewropa għandha t-tmexxija fit-tnedija ta' negozjati bilaterali għall-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) mal-pajjiżi tal-AKP kollha, mal-parti l-kbira tal-pajjiżi tal-Amerika Latina u ma' pajjiżi Asjatiċi, fuq il-bażi tal-aġenda għall-kummerċ ħieles tal-Kummissjoni stipulata fil-Komunikazzjoni tagħha 'Ewropa Globali',
1. Jieħu nota ta' dan il-falliment ġdid tan-negozjati fid-WTO f'Ġinevra, wara Seattle u Cancun, u wara 7 snin tal-kunċett, li ggwiha ħażin, tal-impenn uniku, u jaqbel mal-fehma tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw li l-ebda ftehim aħjar minn ftehim ħażin li jkompli jgħarraq is-sitwazzjoni tal-fqar fid-dinja kollha;
  2. Iqis li l-falliment il-ġdid tan-negozjati tal-kummerċ fid-WTO jindika li l-Unjoni Ewropea

trid tirrevedi l-politika tagħha rigward in-negozjati dwar il-kummerċ internazzjonali, u jħeġġiġha biex tressaq proposti ġodda għan-negozjati multilaterali futuri dwar il-kummerċ bl-għan tal-adozzjoni ta' mekkaniżmi regolatorji u li johlloqu stabilità għal sistema ta' kummerċ internazzjonali ġusta, bl-għan li tittratta problemi globali bħall-faqar, in-nuqqas ta' żvilupp u s-sovranità fl-ikel, l-epidemiji, il-qgħad u r-rilokazzjonijiet, il-qirda tal-ambjent u l-bidla fil-klima, il-prezzijiet tal-ikel li qed jogħlew ħafna u n-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel, u l-kriżi finanzjarja; iqis li dan jirrikjedi li l-UE toħroġ mandat ġdid lill-Kummissjoni;

3. Iħeġġeġ lill-UE biez iżżomm lura milli timponi FTAs ġodda, biex tabbanduna l-istrateġija Ewropa Globali tagħha, u biex tirrevedi bir-reqqa l-orjentazzjoni esklużiva tal-politika kummerċjali tagħha lejn il-kompettitività u l-allinjament strateġiku unilaterali tagħha mal-Istati Uniti; itenni l-impenn tiegħu għall-Għanijiet tal-Iżvilupp għall-Millennju, li għandhom jitqiesu bħala l-għan fundamentali tas-sistema ta' kummerċ multilaterali, apparti bħala dak tar-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali;
4. Jemmen li d-diffikultajiet li nqalgħu waqt in-negozjati juru wkoll il-ħtieġa li tkun indirizzata urġentement il-kwistjoni tar-riforma tad-WTO sabiex l-organizzazzjoni ssir iktar effettiva, demokratika u trasparenti u tiżdied ir-responsabilità tagħha; jipproponi li tinbena allejanza reali u wiesgħa li tkun ibbażata fuq il-valuri fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet soċjali, l-istandards tax-xogħol u l-ħarsien ambjentali, fost l-oħrajn, skond il-Konvenzjonijiet tan-NU, sabiex tkun stabbilita koerenza akbar bejn l-oġettivi u r-regoli tad-WTO u l-impenni li ttieħdu skond konvenzjonijiet u ftehimiet internazzjonali oħra;
5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jikkonkludu ftehimha li tiżgura l-parteciġazzjoni sħiħa mill-Parlament Ewropew fin-negozjati kollha rigward il-kummerċ internazzjonali tal-UE;
6. Jistieden lill-Parlamenti nazzjonali biex isegwu l-iżvilupp ta' dawn in-negozjati importanti b'mod attiv u mill-qrib kemm jista' jkun, skond l-oqfsa legali u kostituzzjonali tagħhom;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lid-Direttur Ġenerali tad-WTO.